

Brussell, 22 ta' Novembru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0359(COD)

14828/1/22
REV 1

CODEC 1757
CYBER 367
TELECOM 463
CSC 526
CSCI 174
DATAPROTECT 317
JAI 1475
MI 828

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Marzu 2021².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2021³.
4. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' April 2022⁴.
5. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

¹ 14150/20 + ADD 1 sa ADD 6.

² ĠU C 183, 11.5.2021, p. 3.

³ ĠU C 286, 16.7.2021, p. 170.

⁴ ĠU C 233, 16.6.2022, p. 22.

6. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁵.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 32/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
8. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
9. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ 14617/22.